KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
DÁMASO RUIZ-JARABO COLOMER
ippreżentati fit-8 ta' April 2008 [1]

I — Introduzzjoni

1. Ir-Rechtbank van koophandel Brussel (qorti tal-prim'istanza tal-kummerċ ta' Brussell) qed tagħmel erba' domandi preliminari: tnejn jirrigwardaw il-legalità tal-miżuri adottati mill-awtoritajiet doganali Belġjani fil-ġlieda kontra l-merkanzija ffalsifikata; it-tnejn l-oħra jirrigwardaw l-użu ta' l-informazzjoni rċevuta fil-kuntest ta' l-applikazzjoni ta' dawn il-miżuri fil-proċeduri ġuridizzjarji kontra l-importazzjonijiet paralleli, barra mil-leġiżlazzjoni li tirregola l-intervent ta' l-aġenti doganali sabiex jidentifikaw prodotti kkupjati.

2. M'għandhomx iħallu jissorprendu n-numru għoli ta' aċċettazzjonijiet tat-terminu "pirata" [mill-Grieg πειρατής (peirates): bandìt, ħalliel]. Bħala sostantiv, kwalunkwe tifel ikun kapaċi jiddeskrivi dan l-arketip, bis-sempliċi elenkar tal-karatteristiċi l-aktar partikolari tiegħu: is-sieq ta' l-injam, il-ganċ minflok id, il-leħja mhux imqaxxra u l-kuxxinett ta' l-għajn, tribut obbligatorju talli għażel dan l-istil ta' ħajja riskjuza, mimlija avventura u perikoli.

3. Din ir-rappreżentazzjoni ġiet trażmessa, sa mir-romantiċiżmu tad-dsatax-il seklu [2]; ukoll awtur bħal Balzac, li żġur li ma jistax jingħad li jsegwi r-regoli ta' dan l-istil litterajrju li kien tant stabbilit fl-ewwel nofs tas-seklu XIX, fejn inkluda f'waħda min-nuvelli tiegħu tema dwar il-piraterija, mingħajr dubju bħala strataġemma sabiex iżid id-drammatiċità tal-problem li għaddiet minnhom Madame D'Aiglement matul l-eżistenza tagħha [3].

4. Bħala estensjoni, is-sustantiv huwa utilizzat bħala aġġettiv, speċjalment meta jiżdied ma' merkanzija, fejn b'hekk jirreferi għannuqqas ta' awtentiċità tagħha jew għall-introduzzjoni tagħha fis-suq permezz ta' mezzi li huma ftit li xejn ortodossi. Madankollu din it-tifsira tikkontrasta ma' l-vera rikkezzi li dawn il-personaġġi jisirqu, peress li mhumiex ir-rikkezzi li huma jisirqu li huma kkkunsidrati bħala illegali, iżda s-serq bi vjolenza mingħand il-proprjetarji leġittimi

1 — Lingwa oriġinali: l-Ispanjol.

2 — Hollywook biddlet ix-xbieha ta' dawn ir-rinnegati simpatiċi, billi ffilmat l-avventuri tal-kaptan Jack Sparrow u s-segwaċi tiegħu fil-pellikoli intitolati, bl-Ingliż, "Pirates of the Caribbean" fejn kwalunkwe koinċidenza mar-realtà hija l-frott ta' l-akbar każwalità.

3 — Balzac, H. Ta, La femme de trente ans, editur Flamarion, Pariġi, 1996, b'mod partikolari p. 217 u segwenti, jiddeskrivi kif Hélène, it-tifla ta' Madame D'Aiglemont u tar-raġel tagħha, tingħaqad ma' pirata, sabiex tagħmel familja fuq vapur, l-Othello; fost inkwiet kbir u ġlieda kontra s-Saint-Ferdinand, ikkmandat mill-Ġeneral, missier Hélène, li jegħreq il-bajjiet ta' Cantábrico u jirnexxielu jsalva biss wieħed mit-tfal tiegħu.

tagħhom. Ebda poeta, f'innu għar-ribelljoni, ta' dak iż-żmien, ma kklassifika l-vapur bħala l-beni l-aktar prezzjuż tal-pirata, aktar mittežori favolużi maqbuda [4].

5. Fid-diskors ġuridiku li dawn il-konklużjonijiet huma s-suġġett tiegħu, bi ftit immaġinazzjoni jistgħu jiġu pparagunati l-impriżi ddedikati għall-kummerċ parallel mal-pirati u dawk li jiddefendu d-drittijiet tagħhom għal proprjetà intellettwali mal-korsari, li kienu dawk li kellhom il-"privattiva ta' korsar" tal-Gvern tagħhom sabiex isegwu l-bastimenti tas-setgħat għedewwa. Madankollu, fid-dritt Ewropew it-termini jinqalbu, peress illi, għalkemm il-paragun preċedenti japplika għalliskambji ma' pajjiżi terzi, fil-kummerċ intrakomunitarju l-importatur paralleli jaġixxi skond il-liġi, peress illi huwa jgawdi minn privattiva ta' pirata sabiex isegwi l-kumpanniji li jistgħu jostakulaw din il-libertà ta' moviment. Kollox jiddependi mill-opinjoni, peress illi, għal dawn l-impriżi l-kbar, il-"free riders" jew kummerċjanti paralleli jirrappreżentaw frodisti awtentiċi [5].

II — Il-kuntest ġuridiku

A — *Il-leġiżlazzjoni Komunitarja*

6. Il-ġlieda kontra l-kummerċjalizzazzjoni ta' tal-merkanzija ffalsifikata jew ikkupjata hija kkodifikata fir-Regolament Nru 1383/2003 [6] u l-għodda ta' implementazzjoni tagħha, ir-Regolament Nru 1891/2004 (iktar 'il quddiem ir-"Regolament ta' implementazzjoni") [7].

7. L-Artikolu 1(1) tar-Regolament 1383/2003 jiddeskrivi l-iskala ta' azzjoni tiegħu, billi jippreċiża l-kundizzjonijiet ta' intervent ta' l-awtoritajiet doganali meta jissuspettaw li xi merkanzija tikser id-dritt ta' proprjetà intellettwali, peress li tkun falsa jew ikkuppjata. L-Artikolu 3(1) jiddelimita dan il-kamp ta' azzjoni, billi jeskludi l-prodotti awtentiċi li jiċċirkulaw bħala importazzjonijiet paralleli.

8. L-attività tad-dwana tibda fuq talba ta' parti, permezz ta' preżentazzjoni ta' applikazzjoni mid-detentur tad-dritt allegatament miksur, ukoll qabel ma jkun hemm ksur,

4 — Espronceda, J. de, (1808-1862) awtur ta' "La canción del pirata", li tinsab f'Las mil mejores poesías de la lengua castellana, Ediciones Ibéricas, 31 edizzjoni, Madrid, 1995, p. 302-303, kiteb dawn il-versi: "Que es mi barco mi tesoro, / ques es mi Dios la libertad, / mi ley la fuerza y el viento,/ mi única patria la mar".

5 — Din id-denominazzjoni tapplika għal kategorija ta' pirati li kienu joperaw prinċipalment fil-Karajbi, b'kull libertà sabiex jisirqu kif jixtiequ. Olivier de Oexmelin, fil-Historia de los aventureros que se distinguieron en las Indias, jiddeskrivi d-dettalji kurjużu tal-ħajja ta' dawn il-pirati, bħal, per eżempju, il-kwantità bħala kumpens li kienu jieħdu għal korriment matul taqbida: mitt pjastri għal għajn u sitt mija għal driegħ lemini, Melegari, V., Piratas, corsarios y filibusteros, traduzzjoni ta' Fermín Muñoz, Ed. Burguera, Barċellona, 1968, p. 82 u segwenti.

6 — Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1383/2003 tat-22 ta' Lulju 2003 li jikkonċerna azzjoni doganali kontra merkanzija suspettati li jiksru ċerti drittijiet ta' proprjetà intellettwali u l-miżuri li għandhom jittieħdu kontra merkanzija li jinsabu li jkunu kisru dawk id-drittijiet (ĠU L 196, p. 7).

7 — Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1891/2001 tal-21 ta' Ottubru 2004, li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ta' implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1383/2003 (ĠU L 328, p. 16).

skond it-termini ta' l-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1383/2003. Minkejja dan, meta l-uffiċjali jissuspettaw xi merkanzija, l-Artikolu 4 jawtorizzhom javżaw *ex officio* il-proprjetarju tal-proprjetà inkorporali, li jissospendu r-rilaxx (ir-rilaxx doganali huwa l-proċess ta' ħruġ fiċ-ċirkulazzjoni tal-merkanzija) jew li jżommu l-merkanzija matul terminu ta' tlett ijiem utli wara din in-notifikazzjoni, bil-għan li l-proprjetarju ċċitat iktar 'il fuq ikun jista' jifformula l-imsemmija applikazzjoni.

9. Fiż-żewġ każijiet għandu jiġi kkunsidrat il-mudell għal applikazzjoni msemmi fl-Anness I tar-Regolament ta' implementazzjoni, flimkien ma', skond l-Artikolu 6 tar-Regolament Nru 1383/2003, dikjarazzjoni tad-detentur tad-dritt li jaċċetta r-responsabbiltà tiegħu lejn il-persuni milquta mill-azzjonijiet jew ommissjonijiet tiegħu, f'każ fejn proċedura miftuħa skond l-Artikolu 9(1) ma tiġix segwita jew jekk jirriżulta li l-merkanzija ma tikser ebda dritt ta' proprejtà intellettwali.

10. L-investigazzjonijiet ta' l-awtoritajiet doganali huma rregolati mill-Artikolu 4(2) tar-Regolament Nru 1383/2003:

"Skond ir-regoli fis-seħħ fl-Istat Membru konċernat, l-awtoritajiet doganali jistgħu, mingħajr ma jikxfu xi informazzjoni għajr in-numru attwali jew supponut tal-merkanzija u n-natura tagħha u qabel ma jinformaw lid-detentur tad-dritt bil-ksur possibbli, jitolbu lid-detentur tad-dritt li jipprovdilhom kull informazzjoni li jistgħu jeħtieġu biex jikkonfermaw is-suspetti tagħhom".

11. L-Artikolu 9 tar-Regolament Nru 1383/2003 jirregola l-kontroll ta' l-awtoritajiet doganali meta tiġi aċċettata t-talba tad-detentur tad-dritt miksur. L-ewwel paragrafu jimponilhom li jissospendu r-rilaxx jew li jżommu l-merkanizja fuq l-inqas dubju. Il-paragrafu 2 jobbligħom li jinfurmaw lid-detentur tad-dritt, lid-dikjarant jew lid-detentur tal-merkanzija bil-kwantità attwali jew stmata, u bin-natura attwali jew supponuta tal-beni.

12. L-Artikolu 9(3) huwa maqsum fi tlett paragrafi:

"Bil-ħsieb li jiġi stabbilit jekk dritt ta' proprjetà intellettwali ikunx inkiser […] l-uffiċċju doganali jew dipartiment li ikun ipproċessa l-applikazzjoni għandu jinforma lid-detentur tad-dritt, fuq it-talba tiegħu u jekk magħruf, bl-ismijiet u l-indirizzi tad-destinatarju, il-kunsinnatarju, id-dikjarant jew id-detentur tal-merkanzija u l-oriġini u l-provenjenza tal-merkanzija suspettata […].

L-uffiċċju doganali għandu jagħti lill-applikant […] l-opportunità li jispezzjoni l-merkanzija li r-rilaxx tagħha jkun ġie sospiż jew li tkun ġiet miżmuma.

Meta jeżamina l-merkanzija, l-uffiċċju doganali jista' jieħu kampjuni u, […] fuq it-talba espressa tiegħu [id-detentur tad-dritt] strettament għall-finijiet ta' analiżi u biex tiġi faċilitata l-proċedura […]".

13. Skond l-Artikolu 12(1) tar-Regolament Nru 1383/2003, id-detentur ta' dritt jista' juża' l-informazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' l-Artikou 9(3) biss għall-finijiet previsti fl-Artikoli 10, 11 u 13(1).

14. It-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 12 jikkonċerna l-użu ta' l-informazzjoni rċevuta mill-awtoritajiet doganali:

"Kull użu ieħor, mhux permess bil-leġislazzjoni nazzjonali ta' l-Istat Membru fejn tinqala s-sitwazzjoni, jista' fuq il-bażi tal-liġi nazzjonali ta' l-Istat membru li fih tkun tinsab il-merkanzija in kwistjoni, iġiegħel lid-detentur tad-dritt li jidħol f'responsabbiltà ċivili u twassal għall-applikazzjoni tas-sospensjoni għall-azzjoni […]".

15. Ir-Regolament Nru 1383/2003 daħal fis-seħħ fis-seba' ġurnata wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea, jiġifieri fid-9 ta' Awwissu ta' l-2003, iżda t-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 25 tiegħu, iddifferixxa l-applikazzjoni sa l-1 ta' Lulju 2007.

16. Skond l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 9(1) tar-Regolament ta' implementazzjoni:

"L-applikazzjonijiet għal azzjoni [ta' l-awtoritajiet doganali] ppreżentati qabel l-1 ta' Lulju 2004 ser jibqgħu validi sa l-iskadenza legali tagħhom u ma jistgħux jiġġeddu. Madankollu, għandhom jiġu kkompletati permezz tad-dikjarazzjoni prevista fl-Artikolu 6 tar-Regolament [Nru 1383/20003] […]. Din id-dikjarazzjoni tillibera l-garanzija eventwalment meħtieġa fl-Istati Membri."

17. Ir-Regolament ta' implementazzjoni kiseb saħħa vinkolanti fil-ġurnata tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali, jiġifieri fit-30 ta' Ottubru 2004, iżda t-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 11 tiegħu jipprovdvi l-applikazzjoni retroattiva tiegħu mill-1 ta' Lulju 2004.

18. Fl-aħħar nett, għandu jissemma wkoll l-Artikolu 15 tal-Kodiċi Doganali tal-Komunità [8], li jgħid li:

"L-informazzjoni kollha li min-natura tagħha hija kunfidenzjali jew li tiġi pprovduta fuq bażi kunfidenzjali hija koperta bl-obbligazzjoni ta' segretezza professjonali. M'għandhiex tinkixef mill-awtoritajiet doganali mingħajr il-permess espress tal-persuna jew awtorità li tipprovdiha; il-komunikazzjoni ta' informazzjoni hija permessa meta l-awtoritajiet doganali jistgħu ikunu obbligati jew awtorizzati li jagħmlu dan skond id-dispożizzjonijiet li huma fis-seħħ, partikolarment fir-rigward tal- protezzjoni tad-data, jew fir-rigward ta' proċeduri legali."

B — *Il-leġiżlazzjoni Belġjana*

19. B'mod konformi ma' l-Artikolu 320(1) ta' l-AWDA [9], kull uffiċċjal u kull persuna li, fi kwalunkwe kundizzjoni, tintervjeni fl-applikazzjoni tal-liġijiet fiskali jew li għandha aċċess għall-uffiċċji ta' l-amministrazzjoni tad-dwana u tas-sisa, barra mill-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħha, għandu l-obbligu li "tosserva l-aktar kunfidenzjalità stretta dwar il-każijiet kollha li tkun taf dwarhom minħabba l-eżerċizzju tad-dmirijiet tagħha".

8 — Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità

9 — Koninklijk besluit van 18 juli 1977 tot coördinatie van de algemene bepalingen inzake douane en accijnzen (Digriet Irjali tat-18 ta' Lulju 19997 dwar il-koordinazzjoni tad-dispożizzjonijiet ġenerali dwar id-dazji u s-sisa)

20. Kif ukoll bħar-regoli fiskali l-oħra, din id-dispożizzjoni tagħmel parti mis-sistema pubblika Belġjana, li ma jimplikax li hija eskluża s-sistema ta' informazzjoni ta' wara l-istruttorja fiskali (fil-qasam tad-dwana) lejn il-proċedura ċivili.

21. Il-liġi proċedurali Belġjana tippermetti lill-qrati ċivili li jressqu quddiem l-uffiċċjali sabiex jinstemgħu bħala xhieda [10], u li jobbligaw lill-awtorijiet doganali li jressqu dokumenti mill-inkartament tad-dipartiment fiskali [11]. F"dan il-każ, il-persuni li għandhom obbligu ta' kunfidenzjalità jistgħu jissottomettu ruħhom quddiem il-qorti.

III — Il-fatti li wasslu għall-proċedura prinċipali

22. Beecham Group u impriżi oħra, rikorrenti fil-kawża prinċipali (iktar 'il quddiem "Beecham u oħrajn") jappartjenu għall-grupp GlaxoSmithKline (iktar 'il quddiem "GSK"), speċjalizzat fil-fabbrikazzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta' mediċina u ta' prodotti oħra għas-saħħa, li huwa proprjetarju konġunt ta' ċerti trade marks irreġistrati.

10 — Artikoli 915 u segwenti tal-Gerechtelijk Wetboek (Kodiċi Ġuridiku Belġjan).

11 — Artikoli 877 u segwenti tal-Kodiċi Ġuridiku Belġjan.

23. Il-konvenuta Andacon NV, hija involuta l-aktar fil-bejgħ ta' farmaċewtiċi.

24. Fis-snin finanzjarji li jikkorrispondu għall-2003 u l-2004, l-impriża assoċjata marrikorrenti fil-Kenya, GSK Export Ltd, iffatturat kwantità kunsiderevoli ta' prodotti talgrupp li tagħmel parti minnu l-kumpannija Etjopa MBATA (Ethiopia) Pvt. Ltd Company (iktar 'il quddiem "MBATA"), stabbilita f'Addis Abeba. L-aħħar destinatarju tal-merkanzija kien l-eżerċtu Etjopu.

25. Is-sitwazzjoni ġeografika ta' l-Etjopja, li hija msejħa "il-qarn ta' l-Afrika" u nuqqas ta' aċċess għall-Baħar l-Aħmar wara l-indipendenza mill-Eritreja, tobbiga t-trasportazzjoni tal-mediċina bil-vapur sal-port ta' Djibouti u, wara l-ħatt tagħha, bl-art sal-belt Abissina.

26. GSK talbet lir-Renju Unit l-intervent ta' l-awtoritajiet doganali, skond l-Artikolu 3(1) tar-Regolament Nru 3295/94 [12], li l-uffiċċji kompetenti Ingliżi aċċettaw fis-26 ta' Novembru 2003, fejn iffissaw il-validità ta' dan sal-25 ta' Novembru 2004, u li kkomunikaw lill-ekwivalenti Belġjani tagħhom f'Diċembru ta' l-istess sena.

12 — Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3295/94 tat-22 ta' Diċembru 1994 li jistabbilixxi miżuri li jipprojbixxu r-rilaxx għal ċirkolazzjoni libera, l-esportazzjoni, l-esportazzjoni mill-ġdid jew dħul għal proċedura sospensiva ta' oġġetti falsifikati jew pirati (ĠU L 341, p. 8).

27. Mill-bidu ta' Ottubru 2004, il-fruntiera Belġjana kkomunikat lil GSK li parti kbira ta' prodotti bis-sinjal distintv tagħha kienet ġiet importata fil-Belġju mill-port ta' Anvers minn provenjenza barra l-Unjoni Ewropea.

28. GSK ġiet awtorizzata li tispezzjona *in situ* xi kampjuni tal-prodotti in kwistjoni, sabiex tivverifika jekk dawn kinux prodotti ffalsifikati. Permezz ta' numru ta' lottijiet, hija ċċertifiakt l-importazzjoni fl-Unjoni Ewropea ta' prodotti mibjugħa lil MBATA, fejn id-destinatarju finali kien indikat bħala l-eżerċitu Etjopu.

29. L-eżami preliminari wera b'mod manifest l-awtentiċità tal-merkanzija in kwistjoni, li għaliha d-dwana Belġjana rrifjutat li tipprovdi dettalji addizzjonali lill-propretarju tat-trade mark, fejn qieset li l-importazzjonijiet paralleli mhumiex koperti mir-Regolament Nru 1383/2003.

30. Fuq talba ta' GSK, il-President tar-Rechtbank van Eerste Aanleg te Antwerpen (qorti tal-prim'istanza ta' Anvers), b'digriet tal-5 ta' Ottubru 2004, ipprojbixxa lil kull pussessur it-trasferiment ta' din il-mediċina u tal-beni l-oħra li GSK Export Ltd kienet biegħet lil MBATA ta' provenjenza minn Djibouti, anke jekk dawn kienu għadhom fi tranżitu, u ħatret, fuq spejjeż ta' l-applikanti, uffiċċjal ġudizzjarju bħala depożitarju ta' l-imsemmija prodott, u awtorizzatu li jiġbor u jipproduċi fl-atti tiegħu l-informazzjoni

neċessarja kollha dwar il-kwantità, l-isem tal-prodott, l-oriġini u d-destinazzjoni tiegħu.

31. Fuq inizjattiva tad-depożitarju maħtur, ġew maqbuda 202 lottijiet ta' mediċina, b'ittra tas-6 ta' Ottubru 2004, iffirmata minn uffiċċjal ġudizzjarju.

32. L-investigazzjoni wriet li, fl-ewwel mument, MBATA allegat li kienet ser tbigħ mill-ġdid il-merkanzija maqbuda lil kumpannija stabbilita fir-Renju Unit, u wara, lill-impriża AYEZAN E-Gistic L.l.c. (iktar 'il quddiem, "AYEZAN"), li taqa' taħt il-liġi ta' l-Għaqda Emirati Għarab.

33. Saret oppożizzjoni minn terzi mill-kumpannija ta' dan il-pajjiż Għarbi kontra d-digriet tal-5 ta' Ottubru 2004, li l-President tal-Qorti tal-Prim'Istanza ta' Anvers ċaħad bħala infondata fl-24 ta' Marzu 2005.

34. AYEZAN appellet din id-deċiżjoni quddiem il-Hof van Beroep te Antwerpen (qorti ta' l-appell ta' Anvers). B'deċiżjoni ta' l-1 ta' Marzu 2006, din il-qorti ordnat lill-uffiċċju doganali ta' Anvers li jitrażmettilha l-inkartament komplut dwar l-importazzjoni ta' 202 lottijiet ta' mediċina, talba li d-direttur reġjonali laqa' fit-28 ta' April 2006.

35. B'sentenza tat-13 ta' Settembru 2006, il-Hof van Beoep ċaħdet ir-rikors bħala infondat.

36. Permezz ta' din il-qorti, l-amministrazzjoni doganali setgħet turi lill-propretarju tat-trade marks xi eżemplari tal-merkanizja ssuspettata, sabiex jiġi determinat jekk din kinitx merkanizja ffalsifikata skond l-Artikolu 4(2) tar-Regolament Nru 1383/2003. Skond din, tali preżentazzjoni ma kinitx madankollu ekwivalenti għal eżaminazzjoni fil-fond skond it-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 9(3) li jipprovdi li jiġu vverifikati b'mod eżawrjenti l-oriġini u l-provenjenza tal-merkanzija jew li ssir analiżi teknika ddettaljata ta' kampjun meħud, skond l-aħħar subparagrafu ta' dan l-Artikolu.

37. Għalkemm id-digiret ta' rinviju ma pprovdiex ħafna dettalji dwar il-kawża pendenti quddiem il-qorti tar-rinviju, jista' jiġi dedott li Beecham u oħrajn qed jitolbu lir-Rechtbank van koophandel, minn naħa, li jiġi pprojbit lil Andacon NV l-użu tat-trade marks in kwistjoni fil-kummerċ mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-proprjetarji tagħhom, u, minn naħa l-oħra, li l-beni maqbuda jiġu meqruda.

38. Min-naħa l-oħra, Andacaon NV topponi li l-informzzjoni miksuba mid-dwana Belġjana tintuża għal għanijiet distinti minn dawk previsti fir-Regolament Nru 1383/2003 u, b'mod partikolari, fil-proċedura ta' ġlieda kontra l-importazzjonijiet paralleli.

IV — Id-domandi preliminari u l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

39. Ir-rilevanza tal-liġijiet Komunitarji ċċitati iktar 'il fuq, direttament applikabbli fl-Istati membri, wasslet għar-Rechtbank van koophandel ta' Brussell sabiex tissospendi l-proċedura qabal ma tagħti deċiżjoni dwar il-mertu u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) L-Artikolu 9(1) tar-Regolament (KE) Nru 1891/2004 għandu jiġi interpretat fis-sens li huwa pprojbit għas-servizz doganali kompetenti jew għall-uffiċċju doganali kompetenti li jagħmel (jew li jordna) komunikazzjoni, skond l-Artikolu 9(2) tar-Regolament (KE) Nru 1383/2003 jew eżaminazzjoni, skond l-Artikolu 9(3) tar-Regolament (KE) Nru 1383/2003, filwaqt li l-applikazzjoni għal azzjoni, ippreżentata qabel l-1 ta' Lulju 2004, ma tkunx saret permezz tad-dikjarazzjoni prevista fl-Artikolu 6 tar-Regolament Nru 1383/2003? Fi kliem ieħor, din l-aħħar dikjarazzjoni tikkostitwixxi kundizzjoni formali li għandha tiġi ssodisfatta sabiex applikazzjoni għal azzjoni tkompli tipproduċi l-effetti tagħha?

2) L-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 1383/2003 għandu jiġi interpretat fis-sens li jagħti lid-dwana ta' Anvers il-possibbiltà li tippreżenta lill-propretarju tat-trade mark sitt kampjuni meħuda minn fost il-merkanzija sabiex ikun jista' jiġi ddeterminat jekk din hija jew le merkanzija ffalsifikata, għalkemm taf li din il-komunikazzjoni mhijiex paragrunabbli ma' eżaminazzjoni fil-fond fil-fond skond it-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 9(3) tar-Regolament (KE) Nru 1383/2003, fil-kuntest li fih huwa leċitu li ssir verifika ddettaljata ta' l-oriġini u tal-provenjenza tal-merkanzija jew li ssir analiżi teknika fil-fond ta' kampjun meħud, skond it-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 9(3) tar-Regolament (KE) Nru 1383/2003? Fl-affermattiv, din il-preżentazzjoni għandha ssir fit-terminu ta' tlett ijiem utli previst fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament?

3) Ir-Regolament (KE) Nru 1383/2003 jipprekludi li l-uffiċċjali Belġjani tad-dwana jipprovdu informazzjoni miksuba fil-kuntest ta' l-implementazzjoni tar-Regolament, barra mis-sistemi previsti fl-Artikolu 9(2) u l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 9(3) tar-Regolament, per eżempju fil-kuntest tas-smiegħ taxxhieda jew ta' produzzjoni ta' dokumenti ordnati mill-qrati tal-prim'istanza Belġjani?

4) Ir-Regolament (KE) Nru 1383/2003 jipprekludi li l-informazzjoni miksuba sussegwentement l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 4(2) (ara t-tieni domanda) u 9(2) u (3), minbarra dawk imsemmija fl-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 9(3) ta' dan ir-Regolament jew li informazzjoni miksuba permezz ta' smiegħ ta' xhieda jew ta' produzzjoni ta' dokumenti ordnati mill-qorti Belġjana (ara t-tielet domanda) jiġu utilizzati fil-kuntest ta' proċedura barra dik intiża sabiex tiġi kkonstatata

falsifikazzjoni ta' merkanzija, bħal fil-każ ta' proċedura intiża għall-ġlieda kontra l-importazzjonijiet paralleli?"

V — Analiżi tad-domandi preliminari

A — *L-ewwel net: dwar il-kompetenza tal-Qorti tal-Ġustizzja*

40. Id-digriet tar-rinviju daħal fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-5 ta' Marzu 2007.

41. Fis-16 ta' Mejju 2007, Beecham u oħrajn appellaw id-deċiżjoni tar-rinviju quddiem il-Hof van Beoep te Brussel.

42. Matul il-fażi bil-miktub, ġew ippreżentati osservazzjonijiet minn Beecham u oħrajn, Andachon NV, il-Gvern Ġermaniż u l-Gvern Belġjan, kif ukoll il-Kummissjoni Ewropea.

43. Peress li ntalbiex seduta, wara l-laqgħa ġenerali tas-26 ta' Frar 2008, il-każ kien lest għall-preparazzjoni ta' dawn il-konklużjonijiet

44. L-eżami ta' din il-kundizzjoni proċedurali qabel dik tad-domanda preliminari rriżulta neċessarju fir-rigward ta' l-allegazzjonijiet magħmula fil-qasam mir-rikorrenti fil-kawża prinċipali fir-nota ppreżentata quddiem din il-Qorti.

45. Jiena diġà indikajt li Beecham u oħrajn kienu kkontestaw id-digriet ta' rinviju tal-qorti tar-rinviju. Huma sostnew li, minħabba l-effett devoluttiv tar-rikors nazzjonali, ir-Rechtbank van koophandel ta' Brussell ma kellhiex kompetenza tal-kawża, li għaddiet għand il-Hof van Beroep ta' l-istess belt.

46. L-argument allegat mhuwiex mingħajr astuzzja, fejn fih tissemma l-ġurisprudenza kostanti li timpedixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja milli tagħti deċiżjon dwar domanda preliminari magħmula minn qorti nazzjonali meta l-interpretazzjoni tad-dritt Komunitarju mitluba m'għandha l-ebda relazzjoni mar-realtà jew mas-suġġett tal-kawża prinċipali jew meta l-problema hija ta' natura ipotetika [13].

13 — Sentenzi tas-16 ta' Diċembru 1981, Foglia (244/80, Ġabra p. 3045, punt 18); tal-25 ta' Ottubru 2005, Schulte (C-350/03, Ġabra p. I-9215, punt 43), u tal-15 ta' Frar 2007, BVBA Management, Traning en Consultancy (C-239/05, Ġabra p. I-1455, punt 52).

47. Madankollu, il-paragun tal-każ in kwistjoni mal-kawżi deċiżi fis-sentenzi li taw lok għal din il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja mhuwiex konvinċenti. Bl-attivazzjoni permezz ta' rikorsi nazzjonali, ir-rabta bejn l-interpretazzjoni mixtieqa mid-dritt Komunitarju u l-materjalità tad-deċiżjonijiet ma titlifx il-validità tagħha u ma ssirx purament teoretika.

48. Mhuwiex fuq dan il-bażi li tista' tiġi kkontestata l-kompetenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, peress illi, ladarba tinbeda l-proċedura quddiem il-qorti *ad quem*, il-kawża tintbagħat lura quddiem il-qorti *a quo*, li tkun għamlet ir-rinvju preliminari, li tkompli tikkunsidraha. Jekk jintlaqa' l-appell, il-Qorti tal-Ġustizzja tikklassifika l-kawża [14]; fil-każ kuntrarju, l-effett preliminari jkopri l-proċedura attwali.

49. Fir-realtà, f'dan it-tip ta' każ, il-Qorti tal-Ġustizzja ddefinixxiet il-ġurisprudenza tagħha intiża sabiex issegwi l-effett preliminari filwaqt li d-domanda tal-qorti nazzjonali ma kinitx ġiet irtirata jew ma tneħħietx [15], fejn issolvihom billi żżomm fis-seħħ l-effett sospensiv tar-rikorsi nazzjonali kontra deċiżjonijiet ġuridiċi ta' rinviju. B'hekk, hija taġġorna l-proċedura meta r-regoli proċedurali nazzjonali jipprovdu tali effett sospensiv [16], u hija ssegwiha f'każ kuntrarju.

50. Din is-soluzzjoni għandha vantaġġ doppju: minn naħa, hija tirrispetta d-drittijiet ta' rikors ta' l-individwi skond is-sisema legali nazzjonali tagħhom; min-naħa l-oħra, hija tippreżerva l-pożizzjoni tal-qorti *a quo*, bħala dik li tagħmel ir-rinviju preliminari, u b'hekk tevita li tħalliha għall-ħniena tat-tattiċi proċedurali tal-partijiet fil-proċedura prinċipali.

51. Jirriżulta mill-atti li, fin-nuqqas ta' informazzjoni dwar l-effett sospensiv imsemmi fir-rikorsi kontra digrieti ta' rinviju preliminari, il-Qorti tal-Ġustizzja bagħtet ittra lill-Hof van Beroep ta' Brussell, fejn talbiet kjarifiki dwar id-dritt proċedurali Belġjan.

52. Din il-qorti ta' l-appell bagħtet ittra fit-8 ta' Jannar 2008, ippreżentata fir-Reġistru ta' din il-Qorti fis-17 ta' Jannar ta' wara, fejn irrispondiet li peress li r-rikors ma pproduċiex dan l-effett sospensiv, il-proċedura preliminari tista' b'hekk isseħħ normalment.

53. B'konsegwenza, l-ammissibbiltà tad-domandi preliminari għandha tiġi kkonstatata u għandu jibda l-eżami tagħhom.

14 — Digrieti tat-3 ta' Ġunju 1969, Chanel vs Cepeha (31/68, Ġabra 1970, p. 403); ta' l-4 ta' Lulju 1990, Plapied u Gallez (C-34/90); tat-8 ta' Diċembru 1993, Bosman (C-269/92) u tas-16 ta' Jannar 1996, Ardon *et* (C-310/94).

15 — Sentenzi tat-30 ta' Jannar 1974, BRT u Société belge des auteurs, compositeurs et éditeurs (127/73, Ġabra p. 51, punt 9), u tad-9 ta' Marzu 1978, Simmenthal (106/77, Ġabra p. 629, punt 10).

16 — Digrieti tat-3 ta' Ġunju 1969, Chanel vs Cepeha, iċċitata iktar 'il fuq, ta' l-20 ta' Jannar 1988, Nationaal Instituut vor Landbouwkrediet (132/87) u ta' l-4 ta' Lulju 1990, Plapied u Gallez, iċċitata iktar 'il fuq.

B — *Fuq l-ewwel domanda preliminari*

54. Id-domanda għandha bħala oriġini l-emendi leġiżlattivi li saru fi żmien il-fatti tal-kawża prinċipali.

55. Mill-espożizzjoni tal-kuntest ġuridiku jirriżulta li r-Regolament Nru 1383/2003 ġie ppubblikat f'Awwissu ta' din l-istess sena, u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2004, filwaqt li r-Regolament ta' implementazzjoni ġie adottat fil-21 ta' Ottubru 2004, ġie ppubblikat fil-Ġurnal Uffiċċjali fit-30 ta' Ottubru 2004 filwaqt li daħal fis-seħħ retroattivament fl-istess data bħar-Regolament ta' bażi tiegħu, jiġifieri fl-1 ta' Lulju 2004.

56. Peress li l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 9 tar-Regolament ta' implementazzjoni jobbliga li tingħaqad ma' l-applikazzjonijiet għal azzjoni magħmula qabel l-1 ta' Lulju 2004, id-dikjarazzjoni prevista fl-Artikolu 6 tar-Regolament Nru 1383/2003, il-qorti tar-rinviju tixtieq issir taf jekk tali obbligu setax jiġi impost fuq Beecham u oħrajn, peress li l-avvenimenti in kwistjoni kienu seħħew fil-bidu tax-xahar ta' Ottubru 2004, qabel il-pubblikazzjoni tal-verżjoni stampata tar-Regolament ta' implementazzjoni. B'mod partikolari hija tixtieq issir taf jekk dan ir-rekwiżit huwiex kundizzjoni *sine qua non* għall-validità ta' l-applikazzjoni għal azzjoni.

57. Quddiem in-nuqqas ta' din it-teknika leġiżlattiva, nemmen li s-soluzzjoni adegwata hija li jsir rikors għall-istrumenti ġuridiċi ta' interpretazzjoni l-aktar elementari, għall-prinċipji ta' kull sistema legali.

58. Il-prinċipju ta' pubbliċità tar-regoli ġuridiċi, marbut fil-qrib ma' dak taċ-ċertezza legali, jimpedixxi li jiġi meħtieġ liċ-ċittadini l-osservazzjoni tal-liġijiet fin-nuqqas ta' mekkaniżi ta' promulgazzjoni li jagħmluhom aċċessibbli lill-individwi. Huwa b'hekk biss li l-espressjoni "l-injoranza tal-liġijiet ma teżentax l-osservazzjoni tagħhom", daqshekk magħrufa mill-ġuristi Spanjoli [17], tieħu l-valur kollu tagħha.

59. F'dan il-każ, l-idea li r-rikorrenti prinċipali jiġu kkundannati talli ma ppreżentawwx id-dikjarazzjoni msemmija fl-Artikolu 6(1) tar-Regolament Nru 1383/2003, flimkien ma' l-applikazzjoni għal azzjoni magħmula minn GSK quddiem l-awtoritajiet doganali Ingliżi f'Novembru 2003, argument sostnut minn Andacon NV, tipprekludi dawn il-prinċipji.

60. Minn naħa, peress li r-Regolament Nru 1383/2003 ma fih ebda dispożizzjoni tranżitorja, b'mod partikolari dwar l-appli-

17 — Peress li tinsab fl-Artikolu 6(1) tal-Kodiċi Ċivili, fil-Kapitolu III, fl-ewwel Titolu, "Effettività ġenerali tan-normi ġuridiċi".

kazzjonijiet għal azzjoni magħmula qabel id-dħul fis-seħħ tiegħu, Beecham u oħrajn setgħu jistennew li t-talbiet koperti mir-Regolament Nru 3295/94 jibqgħu fis-seħħ. F'dan il-kuntest, l-Artikolu 6 tar-Regolament Nru 1383/2003 kellu effett biss *pro futuro*, għat-talbiet magħmula wara l-1 ta' Lulju 2004.

61. Min-naħa l-oħra, kif tafferma ġustament il-Kummissjoni, interpretazzjoni korretta ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 9(1) tar-Regolament ta' implementazzjoni twassal sabiex jiġi kkunsidrat li t-talbiet għal kontroll ippreżentati quddiem l-uffiċċji doganali jibqgħu validi sa l-iskadenza tat-terminu li għalihom huma kienu ngħataw; u din il-kundizzjoni fundamentali hija indipendenti bil-mod kif issir id-dikjarazzjoni li dan l-Artikolu jobbliga li għandha tingħata flimkien mal-garanzija li tista' eventwalment tiġi mitluba fl-Istati Membri. Bid-differenza ta' l-applikazzjonijiet magħmula wara l-1 ta' Lulju 2004 [18], il-leġiżlatur ma ssoġġettax għal din il-formalità iż-żamma tat-talbiet preċedenti magħmula qabel din id-data, b'koerenza mar-Regolament Nru 3295/94 [19], li wkoll ma rrikjediex dan b'mod imperattiv.

62. L-opinjoni ta' Andacon NV hija ekwivalenti għal li tiġi aċċettata l-bidla fil-kundizzjonijiet ta' bażi għall-validità ta' l-applikazzjonijiet trażmessi qabel l-1 ta' Lulju 2004, filwaqt li żżid rekwiżit ieħor, id-dikjarazzjoni komplementarja msemmija fl-Artikolu 6 tar-Regolament Nru 1383/2003, li, fil-kuntest tar-Regolament Nru 3295/94, taqa' taħt is-setgħa diskrezzjonali ta' l-Istati Membri. Dan imur kontra l-prinċipji taċ-ċertezza legali u ta' l-aspettativi leġittimi u jippreġudika d-drittijiet miksuba mill-awturi ta' l-applikazzjonijiet aċċettati qabel l-emenda leġiżlattiva.

63. B'konsegwenza, l-ewwel domanda preliminari għandha tiġi risposta fin-negattiv, fissens li d-dikjarazzjoni msemmija fl-Artikolu 6 tar-Regolament Nru 1383/2003 ma tikkostitwixxix kundizzjoni formali sabiex l-applikazzjonijiet għal azzjoni ta' l-awtoritajiet doganali magħmula qabel l-1 ta' Lulju 2004 ikomplu jipproduċu effetti.

C — *Fuq it-tieni domanda preliminari*

64. Permezz tat-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tikkonsulta l-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-limiti ta' l-azzjoni ta' l-awtoritajiet doganali fid-dawl ta' l-Artikolu 4(2) tar-Regolament Nru 1383/2003, billi tistaqsi dwar il-kwistjoni jekk dan l-Artikolu jippermettix lill-uffiċċju ta' Anvers li jippreżenta lill-propretarju tat-trade marks sitt kampjuni meħuda mill-merkanizja sabiex jiġi ddeterminat jekk dawn humiex jew le kopji mhux awtorizzati.

65. Ir-Rechtbank van koophandel tikkunsidra li mhemmx lok li tali preżentazzjoni tiġi

18 — It-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 5(5) tar-Regolament Nru 1383/2003.

19 — Artikolu 3(2) flimkien mal-paragrafu 6.

pparagunata ma' l-eżaminazzjoni fil-fond imsemmija fit-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 9(3) tar-Regolament iċċitat iktar 'il fuq, li tippermetti li tiġi vverifikata l-oriġini u l-provenjenza tal-merkanzija, u lanqas ma' l-analiżi teknika fid-dettall tal-kampjuni meħuda prevista fit-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 9(3).

66. F'każ ta' risposta affermattiva, hija tixtieq ukoll issaqsi jekk din il-preżentazzjoni għandhiex isseħħ f'terminu ta' tlett ijiet utli kif stabbilit fl-Artikolu 4(1) ta' dan ir-Regolament.

67. Irridu naqblu mal-Kummissjoni, peress li s-sitwazzjonijiet imsemmija fl-Artikoli 4 u 9 tar-Regolament Nru 1383/2003 huma distinti, u b'hekk minħabba l-effett tagħhom fuq ir-risposta finali, dawn għandhom jiġu spjegati fil-qosor.

68. L-ewwel waħda mid-dispożizzjonijiet iċċitati tirreferi għall-miżuri li l-awtoritajiet doganali jistgħu adottaw *qabel* applikazzjoni għal azzjoni, kif jirriżulta mit-titolu tat-Taqsima 1 tal-Kapitolu II tar-Regolament iċċitat iktar 'il fuq, fejn l-unika dispożizzjoni tagħha hija l-Artikolu 4.

69. Dawn huma miżuri minimi, intiżi sabiex jinfurmaw lid-detentur tad-dritt ta' proprjetà intellettwali eventwalment miksur bl-eżistenza tal-merkanzija ssuspettata, sabiex, f'terminu ta' tlett ijiem wara li jirċievi n-notifikazzjoni, dan ta' l-aħħar jitlob l-intervent ta' l-awtoritajiet doganali skond l-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1383/2003.

70. B'hekk jitqiegħed il-bażi għall-investigazzjonijiet sussegwenti fuq skala aktar wiesgħa, kemm mill-awtoritajiet doganli, kif ukoll mill-proprjetarju tat-trade mark jew ta' dritt simili, li huma awtorizzati biss wara l-preżentazzjoni ta' aċċettazzjoni mill-uffiċċji doganali tat-talba formali ta' verifika meħtieġa. Ladarba jsir dan, it-triq hija miftuħa sabiex isiru l-eżaminazzjonijiet previsti fl-Artikolu 9. Fi kliem ieħor, l-Artikolu 4 u 9 jeskludu lil xulxin reċiprokament.

71. Madankollu, kif jirriżulta mid-digriet tar-rinviju, GSK kienet ittrażmettiet l-applikazzjoni sa minn Novembru 2003, fejn din kienet ġiet aċċettata mill-awtoritajiet doganali Brittanniċi f'dan l-istess xahar u rċevuta middwana Belġjana fix-xahar ta' Diċembru 2003. F'dawn il-kundizzjonijiet, kif jindika l-Gvern Belġjan, l-interpretazzjoni ta' l-Artikolu 4 tar-Regolament Nru 1383 hija rrilevanti għar-Rechtbank van koophandel ta' Brussell. B'hekk jiena nipproponi li ma tingħatax risposta għat-tieni domanda tagħha.

D — *Fuq it-tielet u r-raba' domandi preliminari*

72. Il-qorti tar-rinviju tistaqsi dwar l-użu ta' l-informazzjoni li rċevew l-awtoritajiet doganali barra mis-sistemi previsti mir-Regolament Nru 1383/2003, u, b'mod konkret, jekk huma jistgħux jiżvelawhom fil-kuntest ta' seduta ta' smigħ ta' xhieda jew ippreżentati kif previsti f'kawża oħra fuq ordni ġudizzjarja (it-tielet domanda) jew utilizzati fi proċeduri intiżi għall-ġlieda kontra l-importazzjonijiet paralleli (ir-raba' domanda).

73. Bla ħsara għal risposta distinta għal dawn iż-żewġ domanda, jiena naqsam il-fehma tal-Gvern Ġermaniż [20], li jgħid li dawn għandhom jiġu kkunsidrati b'mod konġunt, peress li għandhom bażi komuni: l-użu ta' informazzjoni dwar proċedura ddefinita sew, bħall-proċedura fil-qasam tad-dwana, u t-trasferiment ulterjuri tagħha għal proċeduri oħra.

74. Fl-ewwel lok, għandu jiġi ppreċiżat li l-qorti tar-rinviju tirreferi għal informazzjoni dwar il-kwantità attwali jew stmata tal-merkanzija, u dwar in-natura attwali jew supponuta, kif ukoll dwar l-ismijiet u l-indirizzi tad-destinatarju, il-kunsinnatarju, id-dikjarant jew id-detentur tal-merkanzija, kif ukoll dwar l-oriġini u l-provenjenza tal-prodotti ssuspettati, skond l-Artikolu 9(2) u l-ewwel subparagrafu ta' (3) tar-Regolament Nru 1383/2003.

20 — Dan għamel osservazzjonijiet fuq dawn l-aħħar żewġ domandi biss.

75. Fit-tieni lok, il-leġiżlazzjoni hija diverġenti fir-rigward tal-persuna li titrażmetti l-informazzjoni, u b'hekk is-sitwazzjoni legali ta' l-uffiċċjali tad-dwana tvarja minn dik tad-detenturi tad-dritt ta' proprjetà intellettwali li kellhom aċċess għal din l-informazzjoni u li jkollhom l-intenzjoni li jagħmlu użu differenti minnha.

76. B'hekk l-aġenti doganali mhumiex irregolati mill-Artikolu 12 tar-Regolament Nru 1383/2003, peress li fl-ewwel subparagrafu tiegħu, li jillimita l-użu ta' l-informazzjoni miksuba għall-għanijiet tar-Regolament stess, jirreferi biss għal "detentur ta' dritt". B'hekk jiġi dedott li l-persunal tad-dwana mhuwiex suġġett għal din id-dispożizzjoni, iżda għall-Artikolu 15 tal-Kodiċi Doganali tal-Komunità, inkwantu *lex generali* f'din il-materja.

77. Din l-aħħar dispożizzjoni tagħti l-fakultà lill-awtoritajiet doganali sabiex jittrażmettu l-informazzjoni safejn huma jikkunsidraw lilhom infushom obbligati li jagħmlu dan skond il-protezzjoni tad-data, jew fil-kuntest ta' proċedura ġudizzjajra. B'hekk, il-leġiżlazzjoni applikabbli għall-użu ta' din id-data barra mill-qasam doganali hija l-leġiżlazzjoni proċedurali nazzjonali, f'din il-kawża, dik Belġjana.

78. B'konsegwenza, it-tielet domanda preliminari għandha tiġi risposta fis-sens li r-Regolament Nru 1383/2003 ma jipprekludix li l-uffiċċjali doganali jipprovdu l-informazzjoni miksuba fil-kuntest ta' l-implementazzjoni tar-Regolament barra mis-sistemi previsti mill-Artikolu 9(2) u l-ewwel subparagrafu ta' (3) ta' dan ir-Regolament, fil-kuntest ta' smigħ ta' xhieda jew ta' produzzjoni ta' dokumenti ordnati mill-qrati nazzjonali.

79. Fir-rigward tad-detentur tad-dritt ta' proprjetà intellettwali, is-sitwazzjoni legali tiegħu mhijiex distinta b'mod essenzjali minn dik ta' l-uffiċċjali doganali. Għalkemm, kif jiena indikat, l-Artikolu 12(1) tar-Regolament Nru 1383/2003 inaqqas sa minimu l-possibbiltajiet ta' użu ta' l-informazzjoni li tkun ipprovdietlu d-dwana għall-finijiet espressament previsti minn dan ir-Regolament, it-tieni subparagrafu tad-dispożizzjoni ċċitata iktar 'il fuq jissuġġetta l-legalità ta' użi oħra għas-sistema legali ta'l-Istat Membru fejn tinsab il-merkanzija, b'mod ġenerali dik tad-dwana li nnotifikat l-eżistenza ta' prodotti suspettużi.

80. Dawn il-possibbiltajiet jinfetħu mill-ġdid, fejn jiġu offrut il-possibbiltajiet kollha li jagħti d-dritt nazzjonali, li jkopru l-proċeduri tal-qrati kollha, u għalhekk dawk tal-qrati ċivili u ta' dawk li jippermettu l-ġlieda kontra l-importazzjonijiet paralleli.

81. Skond din il-Qorti tal-Ġustizzja, il-proprjetarju ta' trade mark jista' jopponi l-importazzjonijiet paralleli ta' provenjenza minn pajjiżi terzi, meta jkun hemm l-intenzjoni li jiġu introdotti l-beni li jkollhom it-trade mark tiegħu fit-territorju Komuntarju mingħajr il-kunsens tiegħu, kemm b'mod espress kif ukoll b'mod taċitu. Dawn il-beni ma jibbenefikawx mit-teorija ta' l-eżawriment tad-dritt għal trade mark, li hija applikabbli biss fil-kuntest tal-Żona Ekonomika Ewropea [21].

82. B'hekk, fin-nuqqas tal-kunsens tiegħu, hemm ksur tad-dittijiet tal-propretarju tat-trade mark [22]. Ir-Regolament Nru 1383/2003 huwa intiż għall-ġlieda kontra l-kummerċjalizzazzjoni ta' merkanzija ffalsifikata jew ikkupjata li tikser id-drittjiet ta' proprjetà intellettwali, fejn b'hekk jiġi mifhum li d-detentur ta' dawn il-prerogattivi ma jistax jutilizza l-informazzjoni ta' l-awtoritajiet doganali sabiex jiddefendi l-prerogattivi tiegħu quddiem sistemi legali oħra, fil-ġlieda kontra l-importazzjonijiet paralleli.

83. Bħala sunt, inqis li r-raba' domanda preliminari ukoll għandha tiġi risposta b'mod negattiv, fis-sens li r-Regolament Nru 1383/2003 ma jipprekludix li l-informazzjoni miksuba skond l-Artikolu 9(2) u (3) tiegħu jiġu użati f'proċedura intiża sabiex timpedixxi l-importazzjonijiet paralleli provenjenti minn pajjiżi terzi, meta dawn ikunu ta' ħsara għad-dritt ta' trade mark.

21 — Sentenza tas-16 ta' Lulju 1998, Silhouette International Schmied (C-355/96, Ġabra p. I-4799, punt 18 u 22 sa 26); f'relazzjoni mas-sentenzi ta' l-1 ta' Lulju 1999, Sebago u Maison Dubois (C-173/98, Ġabra p. I-4103, punti 17 sa 20), u ta' l-20 ta' Novembru 2001, Zino Davidoff u Levi Strauss (C-414/99 sa C-416/99, Ġabra p. I-8691, punt 47).

22 — Sentenzi tat-8 ta' April 2003, Van Doren + Q (C-244/00, Ġabra p. I-3051, punt 26), u tat-30 ta' Novembru 2004, Peak Holding (C-16/03, Ġabra p. I-11313, punt 36).

VI — Konklużjoni

84. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, jiena nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tirrispondi bil-mod kif ġej għad-domandi preliminari magħmulin mir-Rechtbank van koophandel:

"1) Id-dikjarazzjoni msemmija fl-Artikolu 6 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1383/2003 tat-22 ta' Lulju 2003 li jikkonċerna azzjoni doganali kontra merkanzija suspettati li jiksru ċerti drittijiet ta' proprjetà intellettwali u l-miżuri li għandhom jittieħdu kontra merkanzija li jinsabu li jkunu kisru dawk id-drittijiet ma tikkostitwixxix kundizzjoni formali sabiex l-applikazzjonijiet għal azzjoni ta' l-awtoritajiet doganali magħmula qabel l-1 ta' Lulju 2004 ikomplu jipproduċu effetti.

2) Ir-Regolament Nru 1383/2003 ma jipprekludix li l-uffiċċjali doganali jipprovdu l-informazzjoni miksuba fil-kuntest ta' l-implementazzjoni tar-Regolament barra mis-sistemi previsti mill-Artikolu 9(2) u l-ewwel subparagrafu ta' (3) tiegħu, fil-kuntest ta' smigħ ta' xhieda jew ta' produzzjoni ta' dokumenti ordnati mill-qrati nazzjonali.

3) Ir-Regolament Nru 1383/2003 ma jipprekludix li l-informazzjoni miksuba skond l-Artikolu 9(2) u (3) tiegħu jiġu wżati f'proċedura intiża sabiex timpedixxi l-importazzjonijiet paralleli provenjenti minn pajjiżi terzi, meta dawn ikunu ta' ħsara għad-dritt ta' trade mark."